MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Avviz Numru. 160/2006

**PUBLIC BROADCASTING SERVICES LIMITED**
**V**

**MICHELE PERESSO LIMITED**

**Il-Qorti:-**

Rat illi s-socjeta attrici pprezentat rikors fir-registru ta din il-Qorti nhar 5 ta’ Gunju 2006 fejn talab lil Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta is-somma ta’ elf disa’ mija tmienja u disghin lira u disgha u hamsin centesmu (LM1,998.59) rapprezentanti bilanc minn soma akbar dovuta bhala drittijiet ghal servizzi ta’ reklamar rezi fuq il-mezzi taghha tax-xandir.

Bl-ispejjez ta’ din il-procedura, kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficcjali datata 12 ta’ Dicembru 2005, u bl-interessi legali dekorribli mid-data tal-fatturi relattivi (kif jirrizultaw minn statement anness bhala Dok. A) sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li hi minn issa ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat illi nhar 12 ta’ Jannar 2007 is-socjeta konvenuta pprezentat risposta fejn eccepiet li:-

Id-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta konvenuta m’ghandha taghti xejn lis-socjeta attrici u dan stante pagament kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi nhar it-2 ta’ Marzu 2007 is-socjeta attrici pprezentat nota fl-atti seduta stante fejn cediet it-talbiet taghha stante pagament waqt dawn il-proceduri pero zammet ferm ghal kap tal-ispejjes tal-kawza.

Illi nhar 2 ta’ Marzu 2007 is-socjeta konvenuta pprezentat affidavit ta’ Marilyn Farrugia impjegata tas-socjeta konvenuta. Illi hija sostniet li l-pagamenti li gew mitluba mis-socjeta attrici lil kienu ilhom imhalsa . Stqarret illi l-istatments mahruga mis-socjeta attrici kienu datati 25 ta’ Mejju 2006 izda cio nonnostante s-socjeta konvenuta irceviethom fil-2l ta’ Novembru 2006. Kkonfermat li l-invoices kollha salvu b’eccezzjoni ghall-invoice numru AD20040924 fl-ammont ta’ LM 461.16 thalsu qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna.Oltre dan tghid ukoll li kienu fi trattativi sabiex din l-ahhar invoice fl-ammont ta’ LM461.16 tithallas ukoll.

Rigward l-invoice numru AD20050081 fl-ammont ta’ LM4,003.76 mitlub mis-socjeta attrici dan thallas permezz ta cekk datat 1 ta’ Lulju 2001 liema cekk kien jinkludi ukoll l-invoice numru Ad20040925 fl-ammont ta’ LM 461.16 u l-invoice numru AD20040992 fl-ammont ta’ LM2.88.25 u dan kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti u markati bhala dokument MLP1 u dokument MLP2. Dwar l-invoice numru 200600092 din giet kancellata mill-istess socjeta attrici permezz ta’ credit note mahruga nhar l-31 ta’ Awwissu 2006 numru OP/C00842 kif jirizulta mid-dokument MLP3.

Ulterjorment spjegat li l-invoice numru OP/1001362 li kien jikkoncerna *dubbing* gie ukoll imhallas ghaliex

effettivament is-socjeta attrici cediet l-atti fil-konfront tas-socjeta konvenuta.

Illi sussegwentement nhar 12 ta’ Marzu 2007, **Mona Mamo Degiovanni** prodotta mill-attrici xehdet dwar diversi pagamenti li kienet tircievi s-socjeta attric minghand is-socjeta konvenuta tant li kien hemm zmien meta s-socjeta konvenuta kellha kont pendenti fl-ammont li jeccedi l-hdax-il elf lir Maltin. Stqarret li l-kontijiet prezentati mal-avviz ma jkoprux l-ammont kollu u li l-kont ta’ bejniethom kien qiehed *on going.* Qalet li anke meta s-socjeta konvenuta kellha kont pendenti hija s-servizz rikjest minghandha dejjem baqa’ jinghata. Illi hija fl-ebda hin ma tghid li ma kienx minnu dak li qalet is-socjeta konvenuta fl-eccezjonijiet taghha li l-ammont dovut minnha ma giex imhallas mis-socjeta konvenuta u lanqas ma thgid li thallas wara l-prezentata tal-avviz.

Ix-xhud **Marilyn Farrugia,** prodotta mis-socjeta konvenuta xhedet u kkonfermat dak kollu li kienet qalet fl-affidvit taghha esebit fl-atti u insistiet li ma kienx minnu li is-socjeta konvenuta thallas a kont kif qalet ix-xhud Degiovanni, izda dejjem halset skond invoice li tigi mibghuta lilha.

Illi din il-Qorti rat illi minn esami tad-dokumenti esebiti ma jirrisultax ghall-liema invoices is-socjeta attrici kienet qed titlob hlas. Jirrisulta biss li hemm qbil bejn il-partijiet li f’xi zmien is-socjeta konvenuta kienet debitrici tas-socjeta attrici fis-somma indikata minn mis-socjeta attrici fl-avviz. Jirrizulta ukoll li pero dan il-kreditu li kellha s-socjeta attrici gie imhallas qabel ma giet istitwita l-kawza salv u b’eccezzjoni ghall-ammont zghir fl-ammont ta’ Lm461.16 liema somma giet imhalsa fil-mori tal-kawza kif jirrisulta mid-data murija fud id-dokument esebit fl-atti a fol. 24 u kif del resto jirrisulta mix-xhieda ta’ Marylun Farrugia li ma gietx kontestata mis-socjeta attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kawza fir-rigward tas-sorte stante li s-socjeta attrici cediet il-kawza f’dan ir- rigward u tiddecidi dwar l-kap tal-ispejjes billi tikkundanna lis-socjeta attrici thallas tlett

kwarti tal-ispejjes u tikkundanna s-socjeta konvenuta thallas ir-rimanenti kwart.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------